**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 12

**08 ta' Lulju 2020**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Oriana Calleja – Viċi Sindku**
**Ronald Portelli - Kunsillier**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti - Kunsillier**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

## 12.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

**Ma kienx hemm.**

## 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

**Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni u ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn issir korrezzjoni f'punt 10.09.01 u trid tiġl hekk "Il-Kunsill qabel li fil-board ikunu s-Sindku Max Zammit, il-Viċi Sindku Oriana Calleja u l-Kunsillier Louise Cachia Castelletti. Iżda hekk minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19 il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti tkun għada vulnerabli jkun jista jattendi l-Kunsillier Eugenio Muscat."**

## 12.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

**Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Ronald Portelli ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Eugenio Muscat issekonda.**

**Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.**

## 12.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

**Is-Sindku qal li l-AKL qed jaħdmu fuq proġett li bl-isem ta' "Slow Streets" huwa spjega li nagħżlu xi toroq fejn ċertu ġranet u ħinijiet, it-triq tingħalaq u jinqata t-traffiku minn got-triq, u t-triq tiġl pedastrian. L-iskop ta' dan il-proġett huwa biex tiġl ptomossa aktar nadifa, filwaqt li jkun hemm lok għal rikreazzjoni aktar aħjar. Spjega ukoll li se jkun hemm periti li se jagħmlu l-istudju tagħhom biex jaraw f'liem toroq l-iktar li taħdem. Il-Ħlas tal-periti se jinħargu mill-kunsill umbad wara se jiġu co-financed min naġa tar-reġjun.**

**Il-kunsill qabel ma din l-inizjattiva u qallu ukoll li filkas nsaqsu l-istess periti biex naraw kemm jistgħu jidhlu parking spaces fi Triq ix-Xatt hekk parti mit-triq inġibuh one-way.**

**Is-Sindku qal li qed jirċievi ilmenti minħabba li qed issiru ħafna BBQs fuq il-blat ħdejn il-baħar u n-nies qed iħallu ħafna ħmieġ warajhom. Wieħed minn nies li ilmenta issuġġerriexa li tinħareġ Bye Law biex ma nħallux nies jagħmlu BBQs ħdejn il-baħar.**

**Il-Kunsill qabel unanimament li m'għandiex għalfejn tinħareġ bye law imma għandhom jitweħħlu iktar "Educational Signs" u niffukaw iktar l-indafa.**

**Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti issuġġeriet ukoll biex nagħmlu CCTV. Is-Sindku qal li huwa jaqbel magħha iżda hemm problema ta' network.**

## 12.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

**Ma kienx hemm.**

## 12.6 Ħatra ta' Contracts Manager;

**Is-Sindku Max Zammit qal li kien hemm tnejn li laqtuh wieħed minnhom huwa s-Sur Ryan Cefai Mercieca. Is-Sindku qal li dan jidher li għandu esperjenza imma m'għandux biżejjed ħin minħabba li huwa għalliem u diġa qiegħed Contracts Manager x'imkien ieħor. Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti għalkemm ma kinitx part mil-bord minħabba li kienet għada vulnerabli qalet li hija kienet ħarset sew lejn CV tiegħu pero għandha l-istess opinjoni tas-Sindku**

**Sindku qal l-ieħor huwa s-Sur Michael Mifsud. Is-Sindku qal li dan huwa li l-bord qed jirrikomanda għax ġab l-iktar punti minn kulħadd. Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti saqsiet hekk għandux ħin biżejjed biex jiċċekja l-kuntratturi li qed jagħmlu xoghlhom sew u kull xahar irrid joħroġ rapport. Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li huwa kien tah full points għax jemmen li huwa kapaċi għal dan ix-xogħol imma qal li rridu niċċekjaw hekk għadux Aġent Segretarju Eżekuttiv ma kunsill ieħor u hekk rridx permess mil-Ministeru li jaħdem fih.**

**Il-Kunsill qabel unanimament li hekk dan m'huwiex Agent Segretarju Eżekuttiv s-Sur Michael Mifsud għandu jiġl magħżul.**

**Mozzjoni:**

**Qed nipproponu li s-Sur Michael Mifsud illi l-bord ikwalifikawh bħala numru wieħed fil-punti. Madankollu, importanti li naċċertaw ruħna li la issa u lanqas fil-perjodu li jkun qed jaħdem bħala contracts manager mal-kunsill Lokali Ta' Xbiex jkun qed jaħdem Aġent Segretarju Eżekuttiv/Segretarju Eżekuttiv jew impjegat f'kunsilli ohra**

**Il-kunsill insista li l-individwu għandu jagħmel l-arranġamenti personali tiegħu sabiex ikun jista jaħdem bħala contracts manager mal-Kunsill Lokali Ta' Xbiex.**

**Il-Kunsill qabel.**

## 12.7 Bankina Triq Onorato Bres;

**Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li din konna diġa iddeċidejna li għandha tinbidel meta ser inbiddlu Triq Prinċipessa Eliżabetta u Triq l-Ambaxxati.**

**Il-Kunsill qabel unanimament.**

**Is-Sindku qal li rridu niċċekjaw hekk it-tender li kellna għadux validu għax filkas rridu noħorġu ieħor.**

**Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet ukoll li hekk ma skadiex irridu noqodu attenti li peress ix-xogħlijiet li kien għamel ma sarux kif suppost, naraw li dan ma jergax iseħħ.**

**Il-Kunsill qabel.**

## 12.8 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsilli Lokali li jkunu meħtieġa;

**Il-Kunsillier Eugenio Muscat ġibed l-attenzjoni biex fil-Conference Room issir ritratt tas-Sindku kif ukoll ritratt tas-Seba' Leġislatura u Tmien Leġislatura.**

**Is-Sindku qal ma tas-seba' Leġislatura rridu ukoll nagħmlu r-ritratti tal-Kunsillier FrankRoe, Richard Chetcuti li sfortunatament ħalliena minn din id-dinja kif ukoll tal-Kunsillier Louise Cachia Castelletti.**

**Il-Kunsill qabel.**

**Il-Kunsillier Ronnie Portelli qal li hemm bżonn issiru refreshing tal-lines li hemm Triq Emanuel Galizia.**

**Il-Kunsill qabel.**

## 12.9 Rapporti mil-Kunsilliera;

**Il-Kunsillier Ronnie Portelli qal li fi Triq Testaferrata fejn hemm is-sit tal-iżviluppatur Michael Stivala hemm double yellow line u xorta qed jipparkjaw il-karozzi u il-wardens qed jtuwhom ċitazzjonijiet imma kollu ta' xejn. Għaldaqstant issuġġeriexxa li ngħidu lis-Sur Michael Stivala biex jagħmel bankina dejqa temporanja.**

**Il-Kunsill qabel.**

**Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li qed ikollha ħafna tifħir mir-residenti fuq il-kennies. Is-Sindku qal ukoll li anke huwa kemm il-darba għaddewlu kummenti posittivi fuq il-kennies.**

**Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet biex navżaw lil dawk li qed jiġu jsaqqu biex jibdew jużaw bexxiexa minħabba li bil-pipe l-oħxon il-ħamrija tispiċċa kemm fuq il-bankina kif ukoll mal-ħitan tar-residenti.**

## 12.10 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir l-Erbgħa 9 ta' Settembru 2020 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta' filgħaxija.**

**Konfermati llum l-Erbgħa 9 ta' Settembru,2020.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ____________________ |
| **Max Zammit** | **Yasmine Tonna** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |